MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 1350/1997/1

**Samuel Zarb**

**v**

**Michael Vella u martu**
**Rosemarie Vella**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju, 1997 l-attur ippremetta illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-hanut bl-isem "Jeans 'n All" li jinsab fi

Triq l-Ghelejjel, Gudja; illi fil-25 ta’ Ottubru, 1996, ghall-habta tat-8.45 a.m., f’incident li gara fl-istess hanut, fejn l-attur kien qieghed jikkonsenja l-merkanzija, l-attur korra gravament u per konsegwenza sofra dizabilita` permanenti, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-istess incident gara minhabba nuqqas ta’ hsieb, traskuragini u negligenza da parti tal-konvenuti, u ghalhekk l-istess konvenuti huma unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur; illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, anke permezz ta’ ittra legali datata 18 ta’ Marzu 1997 (Dok A) baqghu inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghall-incident li gara fil-25 ta’ Ottubru 1996, ghall-habta tat-8.45 a.m. fil-hanut “Jeans ‘n All” Triq l-Ghelejjel, Gudja, f’liema incident l-attur korra gravament u per konsegwenza sofra dizabilita` permanenti fuq il-persuna;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur b’rizultat tal-imsemmi incident tal-25 ta’ Ottubru, 1996;
3. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur l-ammont ta’ danni hekk likwidati.

Bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-18 ta’ Marzu 1997 kontra l-konvenuti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fis-27 ta’ April, 1998 l-konvenuti eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li ma huma bl-ebda mod responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-attur billi l-incident mertu tal-kawza ma garax b’tort tal-eccipjenti ghax la kienu negligenti u lanqas traskurati kif allegat mill-istess attur.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fit-28 ta’ Gunju, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civli ddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet l-ewwel talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur u dan wara li ghamlet is-sewgenti konsiderazzjonijiet:-

“**Responsabbilita` ghall-incident.**

“L-attur, li hu impjegat ma’ Miller Distributors Ltd, kien mar ghand il-konvenuti biex jikkonsenja xi merkanzija. Huwa u hiereg mill-hanut, habat mal-bieb tal-hgieg ta’ l-istess hanut, inkisret il-hgiega u wegga u sofra danni fuq il-persuna. Hu qed jaghmel dina l-kawza ghad-danni li sofra.

“Ghal dana l-incident kien hemm prezenti l-attur u Helen Seychell li kienet qeghda hemm sakemm is-sid tal-hanut harget ftit.

“**L-attur** xehed li kien uza t-tarag biex dahal imbaghad hareg minn fejn kien hemm ir-rampa u hu u tiela mir-rampa, hass daqqa ma mniehru, storda u waqa’ ma’ l-art. Kif gie f’tieghu, ra hafna demm u hgieg ma’ l-art. Hares lejn idu x-xellugija u ra li mill-wicc tal-pala t’idu beda hiereg hafna demm. Il-hgiega nkisret minn gholi ta’ rkubtejh ‘l isfel, il-bqija baqghet shiha minn fuq.

“Seychell kienet qaltlu li l-bieb kienet ghalqitu ghax it-tifla li kellha maghha kienet qaltilha li kienet qed thoss il-bard. Hu kien irrimarkalha li lanqas *sticker* ma kien hemm mal hgiega. Dawn kienu mal-bicca fissa tal-bieb fuq, u ma kienux *at eye level.*

“In kontroezami qal li meta nizel mit-tarag il-bibien it-tnejn kienu miftuhin. Sakemm dahal u pogga x-xoghol fuq il-bank f’dak il-hin it-tifla bdiet thoss il-bard u Seychell ghalqet bieba minnhom.

“**Helen Seychell** xehdet li ohta (is-sid) ma kienitx hemm ghax marret tixtri u sakemm isir il-hin fethet il-hanut hi. Kif fethet bieba wahda rat lill-attur li dahal jigri. Hi qaltlu li ohta ma kienitx hemm biex tiffirma u hu qallha li ma kienx jimporta ghax kien daqsxejn imghaggel u qallha biex tiffirmalu hi. Iffirmatlu u kif dawwret wicca rat lill-attur bid-demm f’idu u qalitlu (sic) ghalfejn kien ghadda minn hemm ghax minn hemm ma kienux jghaddu nies u hu qallha li kien daqsxejn imghaggel.

“Kompliet tghid li kif gie l-attur “jien kont ftahtlu minn gewwa biex jidhol billi ma konniex ghadna ftahna. Kont isslajdjat naha wahda tal-bieba ghax ma tanix cans niftah l-ohra. Meta gie biex johrog kien hemm bieba wahda miftuha u l-ohra maghluqa. Meta nkunu miftuha ghannegozju li *sliding doors* it-tnejn ikunu miftuhin.” Hi qalet li li *slider* li kienet maghluqa kienet nadifa. Mal bibien hemm li stickers tal-Chicco fiz-zewg *sliding doors.* Hi cahdet li l-bieba minn fejn dahal l-attur kienet regghet inghalqet.

“Fil-kaz in ezami l-attur qed isostni li meta dahal fil-hanut iz-zewg bibien kienu miftuhin, mentri Helen Seychell issostni li hi kienet fethet bieba wahda (isslajdjata) billi kienu ghadhom ma fethux ghax-xoghol.

“Il-Qorti fuq dan il-punt toqghod fuq il-verzjoni ta’ Helen Seychell billi dak il-hin kienet ghadha ser tiftah, kellha t-tfal maghha, u s-sid tal-hanut ma kienitx ghadha marret il-hanut. L-attur ma tantx hu affidabbli fuq dan il-punt billi kif lanqas induna li kien hemm bieb bil-hgiega maghluq meta hareg difficli tifhem kif jista’ ikun cert li z-zewg bibien kienu miftuhin meta dahal.

“Il-Qorti hi tal-fehma li l-incident gara ghax l-attur kien imghaggel u ma kienx jaf x’qed jigri u x’hemm madwaru. Seychell xehdet li l-attur kien qalilha biex tiffirma hi, kif fil fatt ghamlet, ghax kien imghaggel u ma setghax jistenna lis-sid. Fl-ghaggla l-attur lanqas rega’ tela’ minn fejn kien nizel, cioe’ mit-tarag imma mar minn naha tar-rampa u ma ndunax li kien hemm bieb bil-hgiega u dahal fih. Kieku l-attur kien aktar attent u mexa bil-mod kien jinduna li ghandu bieb bil-hgieg quddiemu maghluq. Imma fl-ghaggla ma kienx qed jara. Wiehed ghandu jara “*what is in plain view*”. Hemm differenza bejn ‘looking’ u ‘seeing’.

“*In dealing with what is obvious, a thing is obvious if a reasonable person, using care, would have* <u>*seen*</u> *it (the danger). There are some things which a reasonable person is entitled to assume.* Charlsworth – On dangerous premises.

"Wiehed ghandu jassumi li l-attur dahal minn bieb u ser johrog mill-istess bieb ukoll. Anke jekk stess Seychell regghet ghalqet il-bieba, l-attur m'ghandux jibqa' diehel fiha. Il-Qorti temmen li Seychell ma kienitx messet il-bieb li minnu l-attur ipprova johrog. Hi kienet isslajdjat biss il-bieba l-ohra.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien ta' l-attur.

"Il-Qorti trid tara pero` jekk il-konvenuti kellhomx xi tort kontributorju.

"F'kazijiet bhala dawn, il-*common duty to take care* li jaqa' fuq il-konvenuti hu:

"*a duty to take such care as is reasonable to see that the visitor will be reasonably safe in using the premises for the purposes for which he is invited or permitted to be there."*

*"The question whether the occupier* (sid) *has fulfilled his duty to the visitor is thus dependent upon the facts of the case. The relevant circumstances include the degree of care and of want of care that may be looked for in the particular visitor."* Windfield & Jolowicz on Tort page 299.

"L-attur qed jissottometti li s-*sliding door* qatt ma ghandu jinhadem bi hgiega shiha twila minn tulu kollu. Ghandu jinhadem b'mod illi almenu issir kuxbiena fin-nofs biex isservi biex tigbed l-attenzjoni ta' min juzah. Il-konvenuti kellhom juzaw hgieg partikolari li meta jinqasam ma jsirx xafra appena jinkiser. Inoltre lanqas ma kien hemm *stickers* fuq il-hgiega biex jindikaw li kien hemm ostakolu.

"Dwar il-kwistjoni ta' li stickers Rose Mary Vella u zewgha isostnu li ma dan is-*sliding door* kien hemm *stickers* imma anke kieku l-attur ma setghax ikollu li *sticker at eye level* billi hu kien tiela minn isfel (ara ritratti ezibiti). Pero` kieku l-attur kien aktar attent hu kien jinduna wkoll li kien hemm *stickers* fil-bieb.

“Kwantu ghal mizuri ta’ *safety* li l-attur qed jippretendi li l-konvenuti kellhom jiehdu, bhal hgieg specjali, il-Qorti hi tal-fehma li dawn huma mizuri straordinarji li wiehed ma jistenniex li r-“*reasonable man”* hu mistenni li jiehu f’cirkostanzi bhal dawn. F’dan il-kaz l-incident gara mhux minhabba xi nuqqas ta’ *safety* fil-hanut tal-konvenut imma minhabba nuqqas ta’ attenzjoni ta’ l-attur minhabba l-ghaggla li kellu biex ikompli x-xoghol.”

**L-appell ta’ l-attur.**

L-attur hassu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors ipprezentata fit-12 ta’ Lulju, 2002 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tilqa’ l-ewwel domanda ta’ l-attur appellant rigwardanti r-responsabbilita ghall-incident meritu ta’ din il-kawza, u konsegwentement tghaddi biex, wara li taghmel il-konsiderazzjonijiet mehtiega, tilqa’ t-tieni u t-tielet domanda ta’ l-attur appellanti, b’dan illi tillikwida d-danni kollha spettanti lill-attur appellant u tikkundanna lill-konvenuti appellati jhallsu lill-attur appellant dik is-somma li hekk tigi likwidata, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Fir-risposta taghhom il-konvenuti appellati talbu li l-appell tal-attur jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes kontra l-istess attur, u, li, f’kaz li l-appell jigi akkolt, l-atti jigu rinvijati quddiem l-ewwel qorti ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Ir-responsabbilita` f’kaz ta’ incident, ta’ liema xorta jkun, u konsegwentement, ir-responsabbilita` ghad-danni rizultanti minn dak l-incident hija, fis-sistema guridiku taghna, meqjusa skond il-kriterju ta’ dak li huwa mistenni minn dak li, bil-Latin, jissejjah *bonus pater familias.* Infatti l-artikolu 1032 tal-Kodici Civili jiddisponi b’mod konciz u effettiv li “*Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u hsieb ta’* <u>*missier tajjeb tal-familja*</u>*.*” Kif sewwa osservaw l-awturi Winfield & Jolowicz fil-pubblikazzjoni taghhom “On Tort”, - “*Negligence is the*

*ommission to do something which a reasonable man, guided upon those considerations which ordinarily regulate the conduct of human affairs, would do, or doing something which a prudent and reasonable man would not do."*

Fil-kaz in ezami l-attur appellant qed jallega li hemm responsabbilita` tal-konventi ghall-akkadut sew minhabba agir li fic-cirkostanzi kien jidher mehtieg kemm minhabba nuqqasijiet ta' obbligi imposti mil-ligi.

L-appellant jallega li meta huwa dahal fil-hanut proprjeta` tal-konvenuti, persuna, presumibilment Helen Seychell, ghalqet il-bieb b'mod li meta l-attur dar u beda miexi 'l barra huwa habat mal-istess bieb u gara l-incident. F'dan ir-rigward qabel xejn ghandu jinghad li din il-verzjoni tal-fatti hija kompletament michuda mill-istess Helen Seychell li qalet espressament "Mhux veru li l-bieba minn fejn dahal l-attur kienet regghet inghalqet." Izda, anke jekk, ghal grazzja tal-argument, il-verzjoni tal-attur hija dik li tirrifletti l-verita` ta' dak li gara, din il-Qorti ma tistax tifhem kif, minhabba att ta' terza persuna, jistghu jinstabu responsabbli l-konvenuti li ma kienux fil-hanut fil-mument tal-incident. Apparti din il-konsiderazjoni, din il-Qorti taqbel kompletament mal-konkluzzjoni raggunta mill-qorti ta' prim istanza fis-sentenza appellata meta gie ritenut li l-verzjoni ta' Seychell hija l-aktar wahda verosimili. Infatti jirrizulta li l-access ghall-hanut, cioe' mil-bieb tal-hgieg il-gewwa, hu format in parti minn tarag u in parti minn rampa – liema zewg modi ta' access jinsabu hdejn xulxin. Mhux kontestat li meta l-attur gie ammess fil-hanut hu dahal minn dik il-parti tas-"sliding door" li jaghti ghal fuq it-tarag. Izda meta gie biex johrog huwa tela r-rampa. Seychell tghid li hija ma kellhiex l-opportunita li tiftah iz-zewg sliding doors infatti hi qalet "Kif ftaht <u>bieba wahda</u> rajt lill-attur li dahal jigri". Qatt ma jissemma' li infethet il-bieba l-ohra u cioe` dik li l-attur baqa' diehel fiha huwa u hiereg. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux gustifikat.

**Ikkunsidrat;**

L-attur qed jsostni wkoll li l-konvenuti huma responsabbli billi naqsu milli jiehdu dawk il-prekawzzjonijiet mehtiega biex jigi evitat incident. Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, li saret referenza ghaliha wkoll fir-rikors ta' appell, l-attur jiccita l-Att VII ta' 1994 dwar is-Sahha u Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol u jindika partikolarment l-Artikoli 18 u 19 tal-istess Att, kif ukoll l-Artikolu [recte: regolament] 45(2) tar-Regolamenti mahruga fl-1986 taht il-Factories Ordinance. Dan biex jissustanza l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuti naqsu fid-dmir taghhom fil-konfront tieghu. Jigi rilevat li l-Att u r-Regolamenti citati mill-appellant jitkellmu principalment dwar ir-relazzjonijiet ta' bejn l-"employer" u l-"employee" aktar millli dwar responsabbilita` vis-à-vis it-terz. Inoltre, la l-Att u lanqas ir-Regolamenti citati, ma jispecifikaw kif ghandu jsir bieb ta' hanut, kif donnu qed jallega l-istess attur.

Dan premess din il-Qorti hija tal-fehma li fl-ezami rikjest f'cirkostanzi bhal dawn, u cioe` biex jigi determinat jekk hemmx responsabbilita` jew le da parti tal-konvenuti, ghandu jipprevali l-principju enuncjat fl-artikolu 1032 tal-Kodici Civili (li hu rispekkjat ukoll fir-regolament 45(2) citat mill-appellant) u cioe` it-'*test'* tal-*bonus pater familias,* b'mod li l-Qorti trid tistabilixxi jekk is-"sliding door" in kwistjoni kienx ta' perikolu ghal pubbliku u ghal xi hadd li jkollu jahdem hemm gew, u jekk kienx hemm xi mod kif dan il-perikolu seta' jitwarrab kif huwa suggerit mill-attur appellant. Dana dejjem fil-kuntest tal-prudenza, diligenza u l-hsieb rikjest minn missier tajjeb tal-familja ("il-mod ragjonevoli u prattiku" tar-regolament 45(2)) billi mhux mehtiega prudenza, diligenza u hsieb fi grad ghola.

L-attur qed ighid li dan il-bieb kien perikoluz billi ma kellux sinjali fuqu b'mod li l-pubbliku jkun jista' jinduna bieh. Inoltre qed jigi rilevat li dan il-bieb kien ukoll perikoluz billi kien maghmul minn hgieg ordinarju u ma kellux "kuxbiena". Dwar il-kwalita` tal-hgieg u jekk dan kienx idoneju jew le ghall-iskop li kien intiz ma tressqet ebda prova minn naha ta' l-attur li s-sengha titlob hgieg differenti. Ghar-rigward tas-sinjali u l-kuxbiena, liema zewg rekwiziti, skond l-attur, kienu jaghmlu l-bieb jidher aktar, jigi osservat fl-ewwel lok li hemm kontestazzjoni

dwar l-ezistenza o meno ta' sinjali nkwantu l-istess konvenuti xhedu li fuq il-hgieg kien hemm imwahhla riklami tal-Chicco u Diadora. Biss irrispettivament minn dawn ir-riklami, jekk wiehed jhares lejn ir-ritratt tal-faccata tal-hanut (Dok MC4 a fol. 65 tal-process) ezebit mill-istess attur, jinduna immedjatament illi l-bieb in kwistjoni mhux format semplicement minn hgieg li jista', f'cirkostanzi determinati, ma jkunx vizibbli, kif donnu ried jaghti x'jifhem l-attur, izda jirrizulta li dan il-bieb hu format minn "frames" ta' l-aluminium abjad madwar l-erba' hgigiet li jifformaw l-bieb. Dawn l-aluminium frames huma certament vizibbli ghal kull min jkun diehel jew hiereg minn gewwa l-hanut u jkun qed izomm ghajnejh miftuhin. Ghalhekk proprjament la kien hemm bzonn ta' sinjali u lanqas ta' kuxbiena biex l-bieb jkun vizibbli. Minn dan jidher li, kif sewwa rriteniet l-ewwel qorti, l-incident sehh mhux minhabba xi nuqqas tal-konvenuti izda minhabba l-ghagla zejda ta' l-istess attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------